BANK ĊENTRALI EWROPEW

EUROSISTEMA

30 ta' Diċembru 2024

# IL-MANDAT TAL-KUMITAT TAL-VERIFIKA

Kumitat tal-Verifika ta' livell għoli – stabbilit mill-Kunsill Governattiv skont l-Artikolu 9b tar-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) – isaħħaħ il-livelli interni/esterni ta' kontroll diġà fis-seħħ u jkompli jsaħħaħ il-governanza korporattiva tal-BĊE, li tkopri kemm il-funzjonijiet superviżorji tal-banek ċentrali kif ukoll dawk bankarji, il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU) u l-Eurosistema.

## 1. Għan u ambitu tal-Kumitat tal-Verifika

Il-Kumitat tal-Verifika għandu jassisti lill-Kunsill Governattiv fir-responsabbiltajiet tiegħu għat-twettiq tad-dmirijiet u l-attivitajiet tal-BĊE/Eurosistema skont l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ) u tal-Bank Ċentrali Ewropew u skont ir-Regolament MSU[1] billi jagħti pariri u/jew opinjonijiet dwar:

a) l-integrità tal-informazzjoni finanzjarja;

b) is-sorveljanza tal-kontrolli interni;

c) il-konformità mal-liġijiet, ir-regolamenti u l-kodiċijiet ta' kondotta applikabbli;

d) it-twettiq tal-funzjonijiet ta' verifika;

## 2. Responsabbiltajiet

### 2.1 Integrità tal-informazzjoni finanzjarja

Il-Kumitat tal-Verifika għandu jivvaluta l-adegwatezza u l-effiċjenza ġenerali tal-proċessi bażi tar-rapporti finanzjarji tal-BĊE u l-adegwatezza ġenerali tal-pubblikazzjonijiet relatati. Għal dan il-għan, il-Kumitat tal-Verifika għandu:

a) jeżamina r-rapporti finanzjarji annwali qabel ma jiġu approvati mill-Kunsill Governattiv;

b) jiddiskuti mal-awdituri interni u esterni u mal-amministrazzjoni tal-BĊE r-rapporti tal-verifika assoċjati (fosthom l-ittra amministrattiva) kif ukoll xi diffikultajiet li jkunu nqalgħu waqt ix-xogħol tal-verifika u/jew xi nuqqas ta' qbil sinifikanti mal-amministrazzjoni;

c) jikseb dikjarazzjoni mingħand l-awdituri esterni li tikkonferma li r-rendikonti finanzjarji jkunu saru skont ir-regoli tal-kontabilità approvati u jkunu ġew verifikati kif xieraq;

d) jagħti parir lill-Kunsill Governattiv dwar l-approvazzjoni tar-rapporti finanzjarji.

Barra dan, il-Kumitat tal-Verifika għandu jirrieżamina kull kwistjoni sinifikanti marbuta ma' kwistjonijiet tal-

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 287, 29.10.2013, p.63).

kontabilità/tar-rappurtar finanzjarju li jista' jkollha impatt fuq ir-rendikonti finanzjarji tal-BĊE.

### 2.2 Sorveljanza tal-kontrolli interni

Il-Kumitat tal-Verifika għandu jivvaluta l-effikaċja u l-adegwatezza ġenerali tal-oqfsa tal-kontroll intern u tal-ġestjoni tar-riskji u jagħti l-opinjoni tiegħu dwarhom lill-Kunsill Governattiv. Għal dan il-għan, il-Kumitat tal-Verifika għandu:

a) jevalwa l-oqfsa tal-ġestjoni tar-riskju operazzjonali u finanzjarji (inkluż l-inkorporazzjoni tar-riskji assoċjati mat-tibdil fil-klima) u l-proċessi relatati;

b) jiddiskuti mal-awdituri interni u esterni u mal-maniġers tar-riskji r-rapporti rilevanti u, b'mod partikolari, l-iskoperturi ewlenin għar-riskji operazzjonali, finanzjarji u reputazzjonali;

c) iqis l-adegwatezza u t-tempestività tal-miżuri li jittieħdu għall-monitoraġġ u l-kontroll ta' dawn l-iskoperturi u, b'mod aktar ġenerali, jiżgura li tingħata attenzjoni xierqa lir-rakkomandazzjonijiet u t-tħassib li jintwera;

d) jivvaluta l-oqfsa għall-iżvelar tal-informaturi u l-protezzjoni tal-informaturi kontra r-ritaljazzjoni u proċessi relatati;

e) jifformula rakkomandazzjonijiet, kif xieraq, u b'hekk isostni ambjent li jrawwem l-integrità, kultura pożittiva ta' "li wieħed jitkellem" u kontroll.

### 2.3 Konformità mal-liġijiet, ir-regolamenti u l-kodiċijiet ta' kondotta applikabbli

Il-Kumitat tal-Verifika għandu jivvaluta l-adegwatezza ġenerali tal-oqfsa ta' konformità kif ukoll l-effikaċja tal-proċessi għall-monitoraġġ tal-konformità, u jagħti l-opinjoni tiegħu dwarhom lill-Kunsill Governattiv. Għal dan il-għan, il-Kumitat tal-Verifika għandu:

a) jirrieżamina l-qafas ta' konformità u l-proċessi ta' monitoraġġ relatati;

b) jiddiskuti mal-awdituri interni u esterni, mal-Kunsillier Ġenerali, l-Uffiċjal Ewlieni tal-Konformità u l-Governanza u, skont il-każ, mal-President tal-Kumitat tal-Etika u mal-presidenti tal-kumitati tal-Eurosistema/BĊE, ir-rapporti rilevanti u b'mod partikolari kwistjonijiet ta' konformità li jista' jkollhom impatt finanzjarju u/jew ta' reputazzjoni sinifikanti;

c) jiġi mgħarraf dwar inċidenti serji u/jew każijiet ta' nuqqas ta' konformità u jqis l-adegwatezza u t-tempestività tal-miżuri meħuda minħabba fihom;

d) jifformula rakkomandazzjonijiet, skont il-każ, li bihom isostni ambjent li jrawwem l-integrità u l-governanza tajba.

### 2.4 Funzjonijiet ta' verifika

Il-Kumitat tal-Verifika għandu jivvaluta l-effikaċja u l-adegwatezza ġenerali tal-funzjonijiet tal-verifika. Għal dan il-għan, il-Kumitat tal-Verifika għandu:

a) jirrieżamina l-Mandat tal-Kumitat tal-Awdituri Interni u l-Karta tal-Verfka għall-Eurosistema/SEBĊ u l-MSU;

b) u jipprovdi l-opinjoni tiegħu dwarhom qabel ma l-Karta tiġi ppreżentata lill-Kunsill Governattiv għall-approvazzjoni;

c) jirrieżamina l-Mandat tal-BĊE u l-Karta tal-Verifika;

d) u jipprovdi l-opinjoni tiegħu dwarhom qabel ma l-Karta tiġi sottomessa lill-Bord Eżekuttiv għall-approvazzjoni;

e) jirrieżamina l-pjan tal-verfika tal-Kumitat tal-Awdituri Interni u r-reviżjonijiet materjali sussegwenti tal-Kumitat għall-pjan u jipprovdi l-opinjoni tiegħu dwarhom qabel ma l-pjan jiġi ppreżentat lill-Kunsill Governattiv għall-approvazzjoni;

f) jirriereżamina l-pjan tal-verifka tad-Direttorat tal-Verifika Interna tal-BĊE u r-reviżjonijiet materjali sussegwenti tad-Direttorat għall-pjan u jipprovdi l-opinjoni tiegħu qabel ma l-pjan jiġi ppreżentat lill-Bord Eżekuttiv għall-approvazzjoni;

g) jivvaluta t-twettiq tal-funzjonijiet tal-verifika interna u jagħti l-opinjoni tiegħu dwar dan;

h) jirrieżamina l-programmi ta' assigurazzjoni tal-kwalità u ta' titjib tal-funzjonijiet tal-verifika interna, inkluża l-konformità tagħhom mal-elementi obbligatorji tal-Qafas Internazzjonali tal-Prattiki Professjonali tal-Istitut tal-Awdituri Interni;

i) jivvaluta l-prestazzjoni tal-awdituri esterni tal-BĊE biex jiżgura li dawn joperaw skont standards professjonali applikabbli u xierqa;

j) iġib għall-attenzjoni tal-Kunsill Governattiv kwalunkwe kwistjoni li tista' tfixkel il-ħidma effettiva tal-funzjonijiet tal-verifika, inklużi l-indipendenza tagħhom, l-aċċess kunfidenzjali u dirett tagħhom għall-korp deċiżjonali rispettiv tagħhom, għall-persunal u għall-informazzjoni, u li jkollhom riżorsi adegwati;

k) jiġi infurmat qabel il-ħatra jew it-tneħħija tad-Direttur tal-Verifika Interna tal-BĊE minn din il-pożizzjoni;

l) jagħti parir lill-Kunsill Governattiv dwar ir-rakkomandazzjonijiet għall-ħatra tal-awdituri esterni tal-Eurosistema.

### 2.5 Responsabbiltajiet oħra

Flimkien mar-responsabbiltajiet deskritti hawn fuq, il-Kumitat tal-Verifika jista':

a) iwettaq attivitajiet oħra relatati ma' dan il-mandat, jekk jintalab jagħmel dan mill-Kunsill Governattiv;

b) jirrakkomanda li l-Bord Eżekuttiv jinkariga lid-Direttorat tal-Verifika Interna u/jew lil kwalunkwe funzjoni rilevanti oħra bi kwistjonijiet speċifiċi li jaqgħu fl-ambitu tar-responsabbiltajiet tal-Kumitat tal-Verifika.

## 3. Aċċess għall-persunal, l-informazzjoni u pariri esterni

Il-Kumitat tal-Verifika għandu jkollu aċċess bla restrizzjonijiet għall-membri tal-amministrazzjoni u tal-persunal

u għal kull dokument u informazzjoni li huwa jqis li jkunu neċessarji biex jaqdi b'mod adegwat ir-responsabbiltajiet tiegħu, kif elenkati f'dan il-mandat.

B'mod partikolari, il-Kumitat tal-Verifika jista' jorganizza sessjonijiet privati – mingħajr il-preżenza tal-membru tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE – mad-Direttur tal-Verifika Interna tal-BĊE, mal-President tal-Kumitat tal-Awdituri Interni jew mal-awdituri esterni tal-BĊE, jew fuq inizjattiva tiegħu stess jew fuq talba tagħhom. Barra dan, il-Kumitat tal-Verifika għandu jiltaqa' regolarment mal-kapijiet tal-funzjonijiet tal-ġestjoni tar-riskji operazzjonali u finanzjarji u, skont il-każ, mal-Kunsillier Ġenerali u mal-Uffiċjal Ewlieni tal-Konformità u l-Governanza jew ma' kull membru ieħor tal-amministrazzjoni li hu jqis li jkun meħtieġ li jiltaqa' miegħu biex jaqdi b'mod adegwat ir-responsabbiltajiet tiegħu.

Il-Kumitat tal-Verifika għandu jirċievi b'mod sistematiku s-sommarji eżekuttivi tar-rapporti tal-verifika; ir-rapporti sħaħ għandhom ikunu disponibbli fuq talba.

Barra minn dan, il-Kumitat tal-Verifika għandu jirċievi fl-istess ħin li jiġu trasmessi lill-Kunsill Governattiv: (i) l-opinjoni dwar il-verifika annwali tar-rendikonti finanzjarji tal-BĊE; (ii) l-ittra amministrattiva tal-awdituri esterni tal-BĊE, flimkien mat-tweġiba tal-Bord Eżekuttiv; (iii) ir-rapport dwar l-osservazzjonijiet preliminari tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (ECA)[2], flimkien mat-tweġiba tal-Bord Eżekuttiv; u (iv) kopja antiċipata tar-rapport pubbliku tal-ECA qabel ma jiġi ppubblikat.

Barra dan, il-Kumitat tal-Verifika għandu jirċievi rapporti li jindirizzaw kwistjonijiet importanti marbuta mal-kontroll tar-riskji ta' natura finanzjarja u/jew operazzjonali kif ukoll rapporti ġenerali dwar kwistjonijiet ta' konformità ma' liġijiet, regolamenti u kodiċijiet ta' kondotta applikabbli u/jew rapporti speċifiċi dwar każijiet serji ta' nuqqas ta' konformità.

## 4. Rappurtar

Il-Kumitat tal-Verifika għandu jibgħat rapport kull sena lill-Kunsill Governattiv dwar ix-xogħol li jkun għamel matul is-sena ta' qabel. B'hekk, il-Kumitat tal-Verifika għandu jipprovdi lill-Kunsill Governattiv bil-valutazzjoni tiegħu dwar l-effikaċja tal-oqfsa ta' kontroll ġenerali u jifformula, skont il-każ, ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu. Barra minn hekk, il-Kumitat tal-Verifika għandu jirrapporta lill-Kunsill Governattiv kull meta jqis xieraq u/jew ikun meħtieġ li jagħmel dan biex iwettaq ir-responsabbiltajiet tiegħu.

## 5. Kompożizzjoni tal-Kumitat tal-Verifika

Il-Kumitat tal-Verifika għandu jkun magħmul minn massimu ta' sitt membri: il-Viċi President tal-BĊE, żewġ gvernaturi anzjani tal-banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro (mill-inqas wieħed minnhom għandu jkun minn bank ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro b'responsabbiltà superviżorja) u sa tliet membri esterni.

Il-membri esterni għandhom jintgħażlu minn fost uffiċjali ta' livell għoli b'esperjenza fil-banek ċentrali, superviżjoni bankarja u/jew kwistjonijiet finanzjarji, kif ukoll minn fost esperti rikonoxxuti mid-dinja akkademika u/jew mill-professjoni tal-verifika, sakemm ma jkollhomx fl-istess ħin pożizzjonijiet fis-settur

[2] L-Artikolu 27.2 tal-Istatut tas-SEBĊ.

finanzjarju. Mill-inqas membru estern wieħed għandu jintgħażel, permezz ta' sejħa pubblika għal espressjonijiet ta' interess, minn fost individwi li qabel ma kellhomx pożizzjonijiet fl-Eurosistema.

Bl-eċċezzjoni tal-Viċi President tal-BĊE, li għandu jkun membru *ex officio* tal-Kumitat tal-Verifika, il-membri l-oħra għandhom jinħatru mill-Kunsill Governattiv għal perjodu ta' tliet snin li jista' jiġġedded darba. Il-Kumitat tal-Verifika għandu jagħżel President minn fost il-membri tiegħu (il-Viċi President tal-BĊE m'għandux ikun eliġibbli).

Il-membri esterni tal-Kumitat tal-Verifika għandhom ikunu intitolati jirċievu onorarju annwali kif ukoll rimunerazzjoni *per diem* għal kull jum meta jiltaqa' l-Kumitat. L-ammont ta' remunerazzjoni għandu jiġi ffissat mill-Kunsill Governattiv.

### 6. Kunfidenzjalità u Kodiċi tal-Kondotta

Il-membri tal-Kumitat tal-Verifika m'għandhomx jiżvelaw lil persuni mhux awtorizzati kwalunkwe informazzjoni ta' natura kunfidenzjali li jsiru jafu biha waqt il-qadi ta' dmirijiethom u għandhom jibqgħu soġġetti għar-rekwiżiti tas-segretezza professjonali stabbiliti fl-Artikolu 37 tal-Istatut tas-SEBĊ anki wara li d-dmirijiet tagħhom ikunu ntemmu.

B'mod ġenerali, fil-qadi ta' dmirijiethom, il-membri tal-Kumitat tal-Verifika għandhom jikkonformaw mal-prinċipji stabbiliti fil-qafas tal-etika tal-BĊE, jiġifieri l-Kodiċi tal-Kondotta uniku[3], li jistabbilixxi b'mod ċar ir-responsabbiltajiet tal-membri biex iħarsu l-integrità u r-reputazzjoni tal-Eurosistema.

Id-dokumenti mfassla jew miżmuma mill-membri tal-Kumitat tal-Verifika fir-rigward tal-attivitajiet tal-Kumitat huma dokumenti tal-BĊE u għalhekk għandhom jiġu kklassifikati u mmaniġġati skont l-Artikolu 23.3 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew.

### 7. Indipendenza tal-membri tal-Kumitat tal-Verifika

Meta jwettqu r-responsabbiltajiet tagħhom taħt dan il-mandat, il-membri tal-Kumitat tal-Verifika għandhom jaġixxu b'mod indipendenti u la jfittxu u lanqas jaċċettaw struzzjonijiet minn xi persuna jew korp fi ħdan il-BĊE, jew minn xi istituzzjoni barra l-BĊE, l-MSU, u l-Eurosistema. Il-persuni, il-korpi u l-istituzzjonijiet affettwati mill-mandat tal-Kumitat tal-Verifika għandom jirrispettaw dik l-indipendenza.

Il-Membri tal-Kumitat tal-Verifika għandhom jastjenu milli jipparteċipaw f'deliberazzjonijiet f'każijiet ta' kunflitt ta' interess, anki jekk ikunu perċepiti jew potenzjali.

Il-membri esterni għandhom jiffirmaw Dikjarazzjoni ta' Kondotta Etika u Dikjarazzjoni pubblika ta' interessi li jindikaw kwalunkwe interess dirett jew indirett li jista' jitqies li jippreġudika l-indipendenza tagħhom jew in-nuqqas ta' kwalunkwe interess bħal dan.

### 8. Limitazzjonijiet tar-rwol tal-Kumitat tal-Verifika

[3] Il-Kodiċi ta' Kondotta għall-uffiċjali tal-BĊE ta' livell għoli, ĠU C 478, 16.12.2022, p. 3

Il-Kumitat tal-Verifika għandu r-responsabbiltajiet konsultattivi u ta' sorveljanza stabbiliti f'dan il-mandat. Mhuwiex id-dmir jew mhijiex ir-responsabbiltà tal-Kumitat tal-Verifika li jagħmel analiżi ta' verifiki jew ta' kontabilità biex jiżgura li r-rapporti finanzjarji tal-BĊE u l-pubblikazzjoni tagħhom ikunu kompleti u preċiżi. Dawn ir-rieżamijiet għandhom ikunu r-responsabbiltà tal-maniġment u tal-awditur estern.

Barra dan, il-Kumitat tal-Verifika m'għandux jieħu sehem f'attivitajiet relatati mal-formulazzjoni tal-politika monetarja jew mas-superviżjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu.

## 9. Laqgħat

Il-Kumitat tal-Verifika għandu jiltaqa' għallinqas erba' darbiet fis-sena. Laqgħat oħra jistgħu jissejħu mill-President jekk ikun meħtieġ hekk. Il-membri tal-Kumitat huma mistennija jattendu kull laqgħa personalment.

Bħala regola, id-Direttur tal-Verifika Interna tal-BĊE jiġi mistieden jattendi l-laqgħat.

Il-Kumitat tal-Verifika għandu jikkostitwixxi kworum jekk tlieta minn ħamsa tal-membri jkunu preżenti.

## 10. Rieżami ta' dan il-mandat u valutazzjoni proprja

Il-Kumitat tal-Verifika għandu jirrieżamina l-mandat tiegħu għallinqas darba kull tliet snin u jirrapporta dwar dan lill-Kunsill Governattiv. F'dan il-kuntest, il-Kumitat tal-Verifika għandu jagħmel valutazzjoni proprja dwar il-prestazzjoni tiegħu.

## 11. Pubblikazzjoni ta' dan il-mandat

Il-mandat tal-Kumitat tal-Verifika għandu jiġi ppubblikat fuq is-sit web tal-BĊE.